# ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex jipprovdi għar-Ratifika tal-Konvenzjoni ta' Adeżjoni ta' l-14 ta' April 2005 għall-Konvenzjoni ta' Ruma ta' l-1980 fuq il-liġi li tapplika għal obbligazzjonijiet kuntrattwali u għall-Ewwel u t-Tieni Protokolli relattivi.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2006 li Jirratifika l-Konvenzjoni ta' Ruma fuq l-Obbligazzjonijiet Kuntrattwali. Titolu fil-qosor.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"Konvenzjoni ta' Adeżjoni ta' l-2005" tfisser il-Konvenzjoni ta' l-14 ta' April 2005 fuq l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka għall-Konvenzjoni fuq il-liġi li tapplika għal Obbligazzjonijiet Kuntrattwali miftuħa għall-firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 u għall-Ewwel u t-Tieni Protokolli li jinsabu magħha fuq l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej;

"Konvenzjoni ta' Ruma" tfisser il-Konvenzjoni fuq il-liġi li tapplika għal Obbligazzjonijiet Kuntrattwali miftuħa għall-firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 u għall-Ewwel u t-Tieni Protokolli li jinsabu magħha fuq l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

"Stat Kontraenti", għar-rigward u għall-finijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma, kif din għandha l-forza ta' liġi f'Malta, tfisser dawk l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li huma minn żmien għal żmien partijiet għall-Konvenzjoni ta' Ruma u li huma minn żmien għal żmien speċifikati mill-Ministru b'ordni magħmula taħt l-artikolu 4;

"tordna" tfisser tordna b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.

Ratifika tal-Konvenzjoni ta' Adeżjoni ta' l-2005.

**3.** Il-Gvern ta' Malta huwa b'dan awtorizzat jirratifika l-Konvenzjoni ta' Adeżjoni ta' l-2005.

Stati Kontraenti.

**4.** (1) Il-Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta, minn żmien għal żmien jispeċifika liema jkunu l-Istati Kontraenti, minbarra Malta, għall-finijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

(2) Ordni bħal dak għandu jkun jispeċifika d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Ruma, bejn Malta u Stat li jkun speċifikat fl-ordni.

Il-Konvenzjoni ta' Ruma jkollha forza ta' liġi.

**5.** (1) Il-Konvenzjoni ta' Ruma għandu jkollha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, forza ta' liġi f'Malta minn dik id-data li l-Ministru jista' jordna.

(2) Il-Konvenzjoni ta' Adeżjoni ta' l-2005 u l-Konvenzjoni ta' Ruma għandhom jiġu inklużi fl-Ewwel u t-Tieni Skedi rispettivament ta' dan l-Att u dawk l-iskedi jistgħu minn żmien għal żmien jiġu emendati skond ma jista' jiġi ordnat mill-Ministru għall-fini li dawn jinżammu aġġornati mat-test uffiċjali ta' dawk il-Konvenzjonijiet skond ma dan jidher fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Setgħa li jsiru regolamenti.

**6.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti fejn jordna kull ma hu, bis-saħħa ta' dan l-Att, meħtieġ li jiġi ordnat jew li jista' jiġi ordnat u ġeneralment sabiex jitwettqu d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u biex issir kull ħaġa li tista' tinħtieġ għall-fini li jiġu sodisfatti l-obbligazzjonijiet ta' Malta taħt il-Konvenzjoni ta' Ruma.

**7.** L-Att dwar l-Unjoni Ewropea għandu jiġi emendat kif ġej:-

Emenda ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap. 460.

(a) fl-artikolu 2 ta' l-Att, minnufih qabel id-definizzjoni "il-Komunitajiet", għandha tiġi miżjuda din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

" "atti adottati mill-Unjoni Ewropea" jinkludu regolamenti, direttivi, u atti oħra li Malta għandha l-obbligu bħala Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea li taderixxi għalihom, trattati u konvenzjonijiet internazzjonali li Malta tista' taderixxi għalihom bis-saħħa tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, u trattati u konvenzjonijiet internazzjonali li Malta għandha obbligu li tirratifika f'isimha propju jew għan-nom tal-Komunità Ewropea bis-saħħa tas-shubija tagħha fl-Unjoni Ewropea;"; u

(b) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att, minflok il-kliem "jew drittijiet kif hawn qabel imsemmija." għandhom jidħlu l-kliem "jew drittijiet kif hawn qabel imsemmija:

Iżda fil-każ ta' atti adottati mill-Unjoni Ewropea, dawn jiġu fis-seħħ ħmistax-il ġurnata wara li jkunu diskussi fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ewropej u Barranin.".

## L-EWWEL SKEDA

## KONVENZJONI DWAR L-ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA ĊEKA, IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA, IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA, IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA, IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA, IR-REPUBBLIKA TA' MALTA, IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA U R-REPUBBLIKA SLOVAKKA GĦALL-KONVENZJONI DWAR IL-LIĠI APPLIKABBLI GĦAL OBBLIGI KUNTRATTWALI, MIFTUĦA GĦALL-FIRMA F'RUMA FID-19 TA' ĠUNJU 1980, U GĦALL-EWWEL U T-TIENI PROTOKOLLI DWAR L-INTERPRETAZZJONI TAGĦHA MILL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA GĦAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITA EWROPEA,

FILWAQT LI JŻOMMU F'MOĦĦHOM l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hi mibnija l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

FILWAQT LI JIFTAKRU li ladarba saru Membri ta' l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri ġodda ħadu r-responsabbilità li jaderixxu għall-Konvenzjoni dwar il-Liġi applikabbli għal Obbligi Kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980, u għall-Ewwel u t-Tieni Protokolli dwar l-interpretazzjoni tagħha mill-Qorti tal-Ġustizzja, kif modifikata bil-Konvenzjoni ffirmata fil-Lussemburgu fl-10 ta' April 1984, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika, il-Konvenzjoni ffirmata f'Funchal fit-18 ta' Mejju 1992 dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u l-Konvenzjoni ffirmata fi Brussell fid-29 ta' Novembru 1996 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Rejnu ta' l-Iżvezja,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

### TITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka b'dan jaderixxu għal:

(a) il-konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980, minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' l-1980", kif inhi wara l-inkorporazzjoni ta' l-aġġustamenti u l-emendi magħmula għaliha minn:

- Il-Konvenzjoni ffirmata fil-Lussemburgu fl-10 ta' April 1984, minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' l-1984", dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika għall-Konvenzjoni dwar il-Liġi applikabbli għal Obbligi Kuntrattwali,

- Il-Konvenzjoni ffirmata f'Funchal fit-18 ta' Mejju 1992, minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' l-1992", dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża għall-Konvenzjoni dwar il-Liġi applikabbli għal Obbligi Kuntrattwali,

- Il-Konvenzjoni ffirmata fi Brussell fid-29 ta' Novembru 1996, minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' l-1996", dwar l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Iżvezja għall-Konvenzjoni dwar il-Liġi applikabbli għal Obbligi Kuntrattwali,

(b) l-Ewwel Protokoll, iffirmat fid-19 ta' Diċembru 1988, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-Ewwel Protokoll ta' l-1988" dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar il-Liġi applikabbli għal Obbligi Kuntrattwali, kif inhi wara l-inkorporazzjoni ta' l-aġġustamenti u l-emendi magħmula għalih bil-Konvenzjoni ta' l-1992 u l-Konvenzjoni ta' l-1996;

(ċ) it-Tieni Protokoll, iffirmat fid-19 ta' Diċembru 1988, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "it-Tieni Protokoll ta' l-1988", li jikkonferixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ċerti setgħat biex tinterpreta l-Konvenzjoni dwar il-Liġi applikabbli għal Obbligi Kuntrattwali.

TITOLU II

## AĠĠUSTAMENTI GĦALL-EWWEL PROTOKOLL TA' L-1988

*Artikolu 2*

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla fl-Artikolu 2(a):

(a) bejn l-ewwel u t-tieni inċiż:

" - fir-Repubblika Ċeka:
Nejvyšší soud České republiky
Nejvyšší správní soud'

(b) bejn it-tielet u r-raba' inċiż:
" - fl-Estonja:

Riigikohus”

(ċ) bejn it-tmien u d-disa’ inċiż:
“ - f’Ċipru:
Ανώτατο Δικαστήριο

- fil-Latvja:
Augstākās Tiesas Senāts

- fil-Litwanja:
Lietuvos Aukščiausiasis Teismas
Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas’

(d) bejn id-disa’ u l-għaxar inċiż:

“ - fl-Ungerija:
Legfelsobb Birosag

- f’Malta:
Qorti ta’ l-Appell”

(e) bejn il-ħdax u t-tnax inċiż:

“ - fil-Polonja:
Sąd Najwyższy
Naczelny Sąd Administracyjny’

(f) bejn it-tnax u t-tlettax inċiż:

“ - fis-Slovenja:
Ustavno sodišče Republike Slovenije
Vrhovno sodišče Republike Slovenije

- fis-Slovakkja:
Najvyšší súd Slovenskej republiky”.

TITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 3*

1. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea għandu jgħaddi kopja ċertifikata tal-Konvenzjoni ta’ l-1980, il-Konvenzjoni ta’ l-1984, l-Ewwel Protokoll ta’ l-1988, it-Tieni Protokoll ta’ l-1988, il-Konvenzjoni ta’ l-1992 u l-Konvenzjoni ta’ l-1996 fil-lingwa Spanjola, Daniża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Franċiża, Taljana, Olandiża,

Portugiża, Finlandiża u Svediża lill-Gvernijiet tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tas-Slovenja.

2. It-test tal-Konvenzjoni ta' l-1980, il-Konvenzjoni ta' l-1984, l-Ewwel Protokoll ta' l-1988, it-Tieni Protokoll ta' l-1988, il-Konvenzjoni ta' l-1992 u l-Konvenzjoni ta' l-1996 fil-lingwa Ċeka, Estonjana, Ungerija, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka u Slovena għandhom ikunu awtentiċi taħt l-istess kundizzjonijiet bħat-testi l-oħra tal-Konvenzjoni ta' l-1980, il-Konvenzjoni ta' l-1984, l-Ewwel Protokoll ta' l-1988, it-Tieni Protokoll ta' l-1988, il-Konvenzjoni ta' l-1992 u l-Konvenzjoni ta' l-1996.

*Artikolu 4*

Din il-Konvenzjoni għandha tiġi ratifikata mill-Istati firmatarji. L-istrumenti ta' ratifika għandhom jiġu depożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 5*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidhol fis-seħħ, bejn l-Istati li jkunu irratifikawha, fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu tat-tieni strument ta' ratifika.

2. Minn hemm 'il quddiem, din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ, għal kull Stat firmatarju li sussegwentement jirratifikaha, fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika tiegħu.

*Artikolu 6*

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandu jinnotifika lill-istati firmatarji dwar:

(a) d-depożitu ta' kull strument ta' ratifika;

(b) d-dati tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni għall-Istati Kontraenti.

*Artikolu 7*

Din il-Konvenzjoni, imfassla f'oriġinal uniku bil-lingwa Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovena, Slovakka, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża, bil-21 test ilkoll ugwalment awtentiċi, għandha tiġi depożitata fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Segretarju Ġenerali għandu jgħaddi kopja ċertifikata lill-Gvern ta' kull stat firmatarju.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-erbatax-il jum ta' April tas-sena elfejn u ħamsa.

*(Firmatarji)*

**Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti Għolja dwar it-termini perentorji previsti għar-ratifika tal-Konvenzjoni dwar l-Adeżjoni**

"Il-Partijiet Kontraenti Għolja, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill għall-iffirmar tal-Konvenzjoni dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka għall-Konvenzjoni ta' Ruma 1980 dwar il-Liġi applikabbli għal Obbligi Kuntrattwali, jiddikjaraw li huma ser jieħdu l-miżuri neċessarji bil-ħsieb tar-ratifika ta' din il-Konvenzjoni fi żmien raġonevoli u, jekk ikun possibbli, qabel Diċembru 2005."

**Dikjarazzjoni ta' l-Istati Membri dwar il-waqt tas-sottomissjoni ta' proposta għal Regolament dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali**

"L-Istati Membri jitolbu lill-Kummissjoni biex tissottometti kemm jista' jkun malajr u, l-iżjed tard sa l-aħħar ta' l-2005, proposta għal Regolament dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali."

**Dikajarazzjoni konġunta mill-Istati Membri dwar l-iskambju ta' informazzjoni**

Il-gvernijiet tar-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq,

fil-mument tal-firma tal-Konvenzjoni dwar l-Adeżjoni ta' l-2005 għall-Konvenzjoni dwar il-Liġi applikabbli għal Obbligi Kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fl-1980, u għall-Ewwel u t-Tieni Protokolli dwar l-interpretazzjoni tagħha mill-Qorti tal-Ġustizzja, hekk kif emendati,

xewqana li jiżguraw applikazzjoni mill-iżjed effettiva u uniformi possibbli tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ewwel Protokoll imsemmi hawn fuq,

jiddikjaraw li huma lesti li jorganizzaw, b'kooperazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, skambju ta' informazzjoni dwar sentenzi li saru *res judicata*, u li ngħataw b'applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Liġi applikabbli għal Obbligi

Kuntrattwali mill-qrati msemmija fl-Artikolu 2 tal-Protokoll imsemmi. L-iskambju ta' informazzjoni jkun jinvolvi:

- it-trażmissjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, tas-sentenzi mogħtija mill-qrati msemmija fl-Artikolu 2(a) ta' l-Ewwel Protokoll kif ukoll tas-sentenzi importanti mogħtija mill-qrati msemmija fl-Artikolu 2(b) ta' l-istess Protokoll,

- il-klassifikazzjoni u l-approfittar dokumentarju ta' sentenzi mill-Qorti tal-Ġustizzja inkluż, sa fejn ikun neċessarju, it-tfassil ta' astratti u traduzzjonijiet, kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' sentenzi ta' importanza partikolari,

- il-komunikazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tad-dokumentazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' l-Istati li huma partijiet għall-Protokoll kif ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

# IT-TIENI SKEDA

## Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (verżjoni konsolidata)

## L-Ewwel Protokoll dwar l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' l-1980 mill-Qorti tal-Ġustizzja (verżjoni konsolidata)

## It-Tieni Protokoll li jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja setgħat li tinterpreta l-Konvenzjoni ta' l-1980 (verżjoni konsolidata)

## KONVENZJONI

**dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali miftuħa għal firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju, 1980.**

## PREAMBOLU

IL-PARTIJIET GĦOLJIN KONTRAENTI fit-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

ĦERQANA li, fil-qasam tad-dritt internazzjonali privat, jissoktaw bix-xogħol ta' unifikazzjoni tal-liġijiet li diġà sar fi ħdan il-Komunità, partikolarment fil-qasam ta' ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni ta' sentenzi,

XEWQANA li jistabbilixxu regoli dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali,
FTIEHMU KIF ĠEJ:

TITOLU I

## SKOP TAL-KONVENZJONI

*Artikolu 1*

### Skop tal-Konvenzjoni

1. Ir-Regoli ta' din il-Konvenzjoni għandhom japplikaw għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali f'kull sitwazzjoni dwar għażla bejn il-liġijiet ta' pajjiżi differenti.

2. Huma m'għandhomx japplikaw għal:

(a) kwistjonijiet dwar l-istat jew kapaċità legali ta' persuni naturali, bla ħsara għall-Artikolu 11;

(b) obbligazzjonijiet kuntrattwali dwar:

- testmenti u suċċessjoni,
- drittijiet ta' proprjetà li jkunu ġejjin minn rabta fiż-żwieġ,
- drittijiet u dmirijiet li jkunu ġejjin minn relazzjoni familjari, parentela, żwieġ jew affinità, inklużi obbligazzjonijiet ta' manteniment għal ulied barra miż-żwieġ;

(ċ) obbligazzjonijiet li jkunu ġejjin minn kambjali, ċekkijiet u biljetti negozjabbli (*promissory notes*) u strumenti oħra negozjabbli b'mod illi l-obbligazzjonijiet minn strumenti negozjabbli oħra bħalhom ikunu ġejjin minn natura negozjabbli tagħhom;

(d) ftehim dwar arbitraġġ u ftehim dwar l-għażla ta' qorti;

(e) kwistjonijiet regolati bil-liġi tal-kumpaniji u korpi oħra ġuridiċi jew mhux ġuridiċi bħalma huma l-ħolqien, b'reġistrazzjoni jew mod ieħor, kapaċità legali, organizzazzjoni interna jew stralċ ta' kumpaniji u korpi oħra ġuridiċi jew mhux ġuridiċi u r-responsabbiltà personali ta' uffiċjali u membri bħala tali għall-obbligazzjonijiet tal-kumpanija jew korp;

(f) il-kwistjoni dwar jekk aġent jistax jorbot lil prinċipal, jew organu lil kumpanija jew korp ġuridiku jew mhux ġuridiku, ma' terzi;

(ġ) il-kostituzzjoni ta' *trusts* u r-relazzjoni bejn *settlors*, *trustees* u benefiċjarji;

(ħ) xhieda u proċedura, bla ħsara għall-Artikolu 14.

3. Ir-Regoli ta' din il-Konvenzjoni ma japplikawx għal kuntratti dwar riskji li jkun qegħdin fit-territorju ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea. Biex ikun stabbilit jekk riskju jkunx qiegħed f'dawk it-territorji il-Qorti għandha tapplika l-liġi interna tagħha.

4. Il-paragrafu ta' qabel dan ma japplikax għal kuntratti ta' ri-assigurazzjoni.

*Artikolu 2*

**Applikazzjoni tal-liġi ta' Stati mhux kontraenti.**

Kull liġi msemmija f'din il-Konvenzjoni għandha tkun applikata, tkun jew ma tkunx il-liġi ta' Stat Kontraenti.

TITOLU II

## REGOLI UNIFORMI

*Artikolu 3*

### Libertà ta' l-għażla

1. Kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi magħżula mill-partijiet. L-għażla għandha tkun espressa jew murija b'ċertezza raġjonevoli mill-klawsoli tal-kuntratt jew miċ-ċirkostanzi tal-każ. Permezz ta' l-għażla tagħhom il-partijiet jistgħu jiftiehmu fuq il-liġi applikabbli għall-kuntratt kollu jew għal parti minnu.

2. Il-partijiet jistgħu f'kull żmien jiftiehmu li l-kuntratt ikun soġġett għal liġi oħra li ma tkunx dik li biha kien regolat qabel, jew minħabba riżultat ta' għażla magħmula qabel skond dan l-Artikolu jew minħabba disposizzjonijiet oħra ta' din il-Konvenzjoni. Kull tibdil mill-partijiet tal-liġi li għandha tkun applikata, magħmul wara li jkun konkluż il-kuntratt, m'għandux ikun ta' ħsara għall-validità formali tiegħu skond l-Artikolu 9 jew iħalli effett ħażin fuq id-drittijiet ta' terzi.

3. Il-fatt li l-partijiet ikunu għażlu liġi barranija, kemm jekk ikun hemm magħha l-għażla ta' tribunal barrani u kemm jekk ma jkunx hemm, m'għandux, jekk l-elementi l-oħra kollha rilevanti għas-sitwazzjoni fiż-żmien ta' l-għażla jkollhom rabta ma' pajjiż wieħed biss, ikun ta' ħsara għall-applikazzjoni ta' regoli tal-liġi tal-pajjiż li minnhom ma jistax ikun hemm deroga b'kuntratt, minn hawn 'il quddiem imsejħin "regoli mandatarji".

4. L-eżistenza u l-validità tal-kunsens tal-partijiet dwar l-għażla tal-liġi applikabbli għandhom ikunu stabbiliti skond l-Artikoli 8, 9 u 11.

*Artikolu 4*

### Liġi applikabbli fin-nuqqas ta' għażla

1. Safejn il-liġi applikabbli għall-kuntratt ma tkunx intgħażlet skond l-Artikolu 3, il-kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li miegħu ikollu l-eqreb rabta. Iżda parti separabbli mill-kuntratt li jkollha rabta eqreb ma' pajjiż ieħor tista' f'każ eċċezzjonali tkun regolata mil-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor.

2. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, għandu jkun hemm preżunzjoni li l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta mal-pajjiż fejn il-parti li jkollha tagħmel l-eżekuzzjoni li tikkaratterizza l-kuntratt kellha, fiż-żmien meta kien konkluż il-kuntratt, ir-residenza abitwali tagħha, jew, fil-każ ta' korp ġuridiku jew mhux ġuridiku, l-amministrazzjoni ċentrali tiegħu. Iżda jekk il-kuntratt isir minħabba n-negozju jew professjoni ta' dik il-parti, dak il-pajjiż ikun il-pajjiż fejn ikun jinsab il-post prinċipali tan-negozju jew, jekk skond il-klawsoli tal-kuntratt l-eżekuzzjoni jkollha ssir f'post ta'

negozju li ma jkunx il-post prinċipali tan-negozju, il-pajjiż fejn dak il-post l-ieħor tan-negozju jkun jinsab.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, safejn is-suġġett tal-kuntratt ikun dritt ta' proprjetà immobbli jew dritt ta' użu ta' proprjetà immobbli, għandu jkun hemm preżunzjoni illi l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta mal-pajjiż fejn il-proprjetà immobbli tkun tinsab.

4. Kuntratt għall-ġarr ta' oġġetti m'għandux ikun soġġett għall-preżunzjoni tal-paragrafu 2. F'kuntratt bħal dan jekk il-pajjiż, li fih, fiż-żmien meta l-kuntratt ikun konkluż, min iġorr ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu, ikun ukoll il-pajjiż fejn ikun jinsab il-post tat-tgħabija jew il-post tal-ħatt, għandu jkun hemm preżunzjoni li l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta ma' dak il-pajjiż. Fl-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu *charter-parties* ta' vjaġġ wieħed u kuntratti oħra li l-għan ewlieni tagħhom huwa l-ġarr ta' oġġetti għandhom jitqiesu bħala kuntratti għall-ġarr ta' oġġetti.

5. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika jekk il-karatteristika ta' l-eżekuzzjoni ma tkunx tista' tiġi stabbilita, u l-preżunzjonijiet tal-paragrafi 2, 3 u 4 m'għandhomx jitqiesu jekk miċ-ċirkostanzi kollha ikun jidher li l-kuntratt ikollu rabta eqreb ma' pajjiż ieħor.

*Artikolu 5*

**Ċerti kuntratti dwar konsumaturi**

1. Dan l-Artikolu japplika għal kuntratt li l-għan tiegħu huwa l-provvista ta' oġġetti jew servizzi lil persuna ('il-konsumatur') għal skop li jista' jitqies li ma jkollux x'jaqsam man-negozju jew professjoni tiegħu, jew għal kuntratt biex jingħata kreditu għal dak il-għan.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3, għażla ta' liġi magħmula mill-partijiet m'għandhiex ikollha r-riżultat li ċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija lilu mir-regoli mandatarji tal-liġi tal-pajjiż li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu.

- jekk f'dak il-pajjiż il-kuntratt ikun konkluż wara stedina speċifika indirizzata lilu jew permezz ta' avviż, u huwa jkun għamel f'dak il-pajjiż dak kollu meħtieġ minnu biex il-kuntratt ikun konkluż, jew

- jekk il-parti l-oħra jew l-aġent tagħha jkunu rċevew l-ordni tal-konsumatur, jew

- jekk il-kuntratt ikun għal bejgħ ta' oġġetti u l-konsumatur ikun mar minn dak il-pajjiż għal pajjiż ieħor u hemmhekk huwa jkun għamel l-ordni tiegħu, bil-kondizzjoni li l-vjaġġ tal-konsumatur ikun tħejja mill-bejjiegħ bl-iskop li jħajjar lill-konsumatur biex jixtri.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4, kuntratt li għalih japplika dan l-Artikolu għandu, fin-nuqqas ta' għażla skond l-Artikolu 3, ikun regolat skond il-liġi tal-pajjiż li fih il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu jekk il-kuntratt ikun sar fiċ-ċirkostanzi msemmijin fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Dan l-Artikolu ma japplikax għal:

(a) kuntratt ta' ġarr;

(b) kuntratt għall-provvista ta' servizzi fejn is-servizzi għandhom jingħataw lill-konsumatur esklussivament f'pajjiż li ma jkunx dak li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu.

5. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 4, dan l-Artikolu għandu japplika għal kuntratt li, għal prezz inklussiv, jipprovdi għal vjaġġ u akkomodazzjoni flimkien.

*Artikolu 6*

**Kuntratti ta' impjieg individwali**

1. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3, f' kuntratt ta' impjieg għażla ta' liġi magħmula mill-partijiet m'għandhiex ikollha r-riżultat li ċċaħħad lill-impjegat mill-protezzjoni mogħtija lilu mir-regoli mandatarji tal-liġi li tkun applikabbli skond il-paragrafu 2 fin-nuqqas ta' għażla.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4, kuntratt ta' impjieg għandu, fin-nuqqas ta' għażla skond l-Artikolu 3, jkun regolat:

(a) bil-liġi tal-pajjiż li fih l-impjegat soltu jagħmel ix-xogħol tiegħu fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt, ukoll jekk ikun temporanjament impjegat f'pajjiż ieħor; jew
(b) jekk l-impjegat mhux soltu jagħmel ix-xogħol tiegħu f'pajjiż wieħed, skond il-liġi tal-pajjiż fejn il-post tan-negozju li minnu jkun tqabbad ikun jinsab;

sakemm ma jkunx jidher miċ-ċirkostanzi kollha li l-kuntratt ikollu rabta eqreb ma' pajjiż ieħor, f'liema każ il-kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi ta' dak il-pajjiż.

*Artikolu 7*

**Regoli mandatarji**

1. Fejn tkun applikata skond din il-Konvenzjoni il-liġi ta' pajjiż, jistgħu jinġiebu fis-seħħ ir-regoli mandatarji tal-liġi ta' pajjiż ieħor li miegħu s-sitwazzjoni jkollha rabta mill-qrib, jekk u sakemm, skond il-liġi ta' dan l-aħħar pajjiz, dawk ir-regoli għandhom ikunu applikati tkun liema tkun il-liġi applikabbli għall-kuntratt. Fejn ikun ikkunsidrat jekk ikollhomx jinġiebu fis-seħħ dawn ir-regoli mandatarji, għandhom jitqiesu n-natura u l-għan tagħhom u l-effetti tagħhom jekk ikunu applikati jew jekk ma jkunux applikati.

2. L-ebda ħaġa f'din il-Konvenzjoni m'għandha żżomm l-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi tal-forum f'sitwazzjoni fejn dawn ikunu mandatarji irrispettivament mill-liġi li mod ieħor kienet tapplika għall-kuntratt

*Artikolu 8*

**Validità materjali**

1. L-eżistenza u l-validità ta' kuntratt, jew ta' kull klawsola ta' kuntratt, għandhom ikunu deċiżi skond il-liġi li tirregolah skond din il-Konvenzjoni jekk il-kuntratt jew klawsola kienu validi.

2. Iżda parti tista' ssib sostenn fil-liġi tal-pajjiż li fih hija jkollha r-residenza abitwali tagħha biex tipprova li hija ma tatx il-kunsens tagħha jekk miċ-ċirkostanzi jidher li ma jkunx raġjonevoli li jkun stabbilit l-effett ta' l-imġieba tagħha skond il-liġi msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan.

*Artikolu 9*

**Validità formali**

1. Kuntratt li jkun konkluż bejn żewġ persuni li jkunu fl-istess pajjiż huwa formalment validu jekk jissodisfa il-ħtiġijiet formali tal-liġi li tirregolah skond din il-Konvenzjoni jew tal-liġi tal-pajjiż fejn ikun konkluż.

2. Kuntratt li jkun konkluż bejn żewġ persuni li jkunu f'pajjiżi differenti huwa formalment validu jekk jissodisfa il-ħtiġijiet formali tal-liġi li tirregolah skond din il-Konvenzjoni jew tal-liġi ta' wieħed minn dawk il-pajjiżi.

3. Fejn kuntratt ikun konkluż minn aġent, il-pajjiż li fih l-aġent jaġixxi ikun il-pajjiż rilevanti għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2.

4. Att li jsir bil-ħsieb li jkollu effett legali għal kuntratt li diġà sar jew li għad irid isir huwa formalment validu jekk jissodisfa l-ħtiġijiet formali tal-liġi li skond din il-Konvenzjoni tirregola jew tista' tirregola l-kuntratt, jew tal-liġi tal-pajjiż fejn l-att ikun sar.

5. Id-disposizzjoni tal-paragrafu ta' qabel dan m'għandhomx japplikaw għal kuntratt li għalih japplika l-Artikolu 5, konkluż fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 5. Il-validità formali ta' kuntratt bħal dan hija regolata mil-liġi tal-pajjiż li fih il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu.

6. Minkejja l-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, kuntratt dwar dritt ta' proprjetà immobbli jew dritt ta' użu ta' proprjetà immobbli għandu jkun skond il-ħtiġijiet mandatarji tal-forma tal-liġi tal-pajjiż fejn il-proprjetà tkun tinsab jekk skond dik il-liġi

dawk il-ħtiġijiet ikunu imposti irrispettivament mill-pajjiż fejn il-kuntratt jiġi konkluż u irrispettivament mill-liġi li tirregola l-kuntratt.

*Artikolu 10*

**Skop tal-liġi applikabbli**

1. Il-liġi applikabbli għal kuntratt bis-saħħa ta' l-Artikoli 3 sa 6 u 12 ta' din il-Konvenzjoni għandha tirregola b'mod partikolari:

(a) l-interpretazzjoni;

(b) l-eżekuzzjoni;

(ċ) skond is-setgħat mogħtija lill-qorti bil-liġi tal-proċedura tagħha, l-effetti ta' ksur ta' kuntratt, inkluża stima tal-ħsarat jekk dan jirriżulta minn regoli tal-liġi;

(d) id-diversi modi kif jispiċċaw l-obbligazzjonijiet, u l-preskrizzjoni u termini perentorji;

(e) l-effetti ta' nullità tal-kuntratt.

2. Dwar kif għandha ssir l-eżekuzzjoni u l-miżuri li jkollhom jittieħdu f'każ ta' eżekuzzjoni difettuża għandha titqies il-liġi tal-pajjiż li fih issir l-eżekuzzjoni.

*Artikolu 11*

**Inkapaċità**

F'kuntratt konkluż bejn żewġ persuni li jkunu fl-istess pajjiż, persuna naturali li jkollha kapaċità skond il-liġi ta' dak il-pajjiż tista' tinvoka l-inkapaċità tagħha skond liġi oħra biss jekk il-parti l-oħra fil-kuntratt kienet taf b'dik l-inkapaċità fiż-żmien meta l-kuntratt kien konkluż jew ma kinitx taf biha minħabba negliġenza.

*Artikolu 12*

**Ċessjoni volontarja**

1. L-obbligazzjonijiet reċiproċi taċ-ċedent u taċ-ċessjonarju permezz ta' ċessjoni volontarja ta' dritt kontra persuna oħra ('id-debitur') għandhom ikunu regolati mil-liġi li skond din il-Konvenzjoni tapplika għall-kuntratt bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju.

2. Il-liġi li tirregola d-dritt relattiv għaċ-ċessjoni għandha tistabbilixxi kif issir iċ-ċessjoni, ir-relazzjoni bejn iċ-ċessjonarju u d-debitur, il-kondizzjonijiet li taħthom iċ-ċessjoni tista' tkun invokata kontra d-debitur u kull kwistjoni dwar jekk inħelsux l-obbligazzjonijiet tad-debitur.

*Artikolu 13*

**Surroga**

1. Fejn persuna ('il-kreditur') tagħmel talba kuntrattwali kontra persuna oħra ('id-debitur'), u terza persuna jkollha l-obbligu li tissodisfa lill-kreditur, jew tkun fil-fatt issodisfat lill-kreditur biex jinħeles dak l-obbligu, il-liġi li tirregola l-obbligu tal-persuna li tissodisfa lill-kreditur għandha tistabbilixxi jekk it-terza persuna tkunx intitolata li teżerċita kontra d-debitur id-drittijiet li l-kreditur kellu kontra d-debitur skond il-liġi li tirregola r-relazzjoni ta' bejniethom u, jekk dan ikun il-każ, jekk huwa jistax jagħmel dan totalment jew parzjalment.

2. L-istess regola tapplika fejn diversi persuni jkunu soġġetti għall-istess talba kuntrattwali u wieħed minnhom ikun issodisfa lill-kreditur.

*Artikolu 14*

**Oneru tal-prova, eċċ.**

1. Il-liġi li tirregola l-kuntratt skond din il-Konvenzjoni tapplika sakemm ikollha, fil-liġi tal-kuntratti, regoli dwar preżunzjonijiet ta' liġi jew li jistabbilixxu l-oneru tal-prova.

2. Kuntratt jew att li jsir bil-ħsieb li jkollu effett legali jistgħu jkunu pprovati b'kull xorta ta' prova rikonoxxuta mil-liġi tal-forum jew mil-liġijiet imsemmijin fl-Artikolu 9 li bihom dak il-kuntratt jew att ikun formalment validu, bil-kondizzjoni li dik ix-xorta ta' prova tkun tista' tiġi amministrata mill-forum.

*Artikolu 15*

**Esklużjoni ta' *convoi***

L-applikazzjoni tal-liġi ta' kull pajjiż imsemmi f'din il-Konvenzjoni tfisser l-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi fis-seħħ f'dak il-pajjiż minbarra r-regoli tiegħu tad-dritt internazzjonali privat.

*Artikolu 16*

**'Ordre public'**

L-applikazzjoni ta' regola tal-liġi ta' kull pajjiż imsemmi f'din il-Konvenzjoni tista' ma tintalqax biss jekk dik l-applikazzjoni tkun fid-deher li ma taqbilx ma' l-ordni pubbliku ('*ordre public*') tal-forum.

*Artikolu 17*

**Effett mhux retroattiv**

Din il-Konvenzjoni għandha tapplika fi Stat Kontraenti għal kuntratti magħmulin wara d-data li fiha din il-Konvenzjoni tkun daħlet fis-seħħ għal dak l-Istat.

*Artikolu 18*

**Interpretazzjoni uniformi**

Fl-interpretazzjoni u applikazzjoni tar-regoli uniformi imsemmijin hawn qabel, għandhom jitqiesu l-karattru internazzjonali tagħhom u x-xewqa li jkun hemm uniformità fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom.

*Artikolu 19*

**Stati b'aktar minn sistema legali waħda**

1. Fejn Stat jinkludi numru ta' unitajiet territorjali, li kull waħda minnhom ikollha r-regoli tagħha tal-liġi applikabbli għall-materji msemmija fil-paragrafu 1, kull unità territorjali għandha titqies bħala Stat biex issir magħrufa l-liġi applikabbli skond dan l-Artikolu.

2. Stat li jkollu fih unitajiet territorjali differenti b'regoli tagħhom tal-liġi dwar l-obbligazzjonijiet kuntrattwali m'għandux ikun marbut li japplika din il-Konvenzjoni għal konflitti li jkunu biss bejn il-liġijiet ta' dawk l-unitajiet.

*Artikolu 20*

**Preċedenza tal-liġi Komunitarja**

Din il-Konvenzjoni m'għandhiex ikollha effett fuq l-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet li, fir-rigward ta' materji partikolari, jistabbilixxu regoli tal-għażla tal-liġi relattivi għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali u li huma f'atti jew ser ikunu f'atti ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej jew f'liġijiet nazzjonali armonizzati fl-implimentazzjoni ta' dawk l-atti.

*Artikolu 21*

**Relazzjoni ma' konvenzjonijiet oħra**

Din il-Konvenzjoni m'għandhiex tkun ta' ħsara għall-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali li tagħhom Stat Kontraenti jkun, jew isir, parti.

*Artikolu 22*

**Riservi**

1. Kull Stat Kontraenti jista', waqt l-iffirmar, ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, jirriserva d-dritt li ma japplikax:

(a) id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 (1);

(b) id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 10 (1) (e).

2. *(Paragrafu mħassar bl-Artikolu 2 (1) tal-Konvenzjoni ta' l-Adeżjoni ta' l-1992)*

3. Kull Stat Kontraenti jista' f'kull żmien jirtira riserva li jkun għamel; ir-riserva ma tibqax ikollha effett fl-ewwel jum tat-tielet xahar kalendarju wara n-notifika ta' l-irtirar.

TITOLU III

**DISPOSIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 23*

1. Jekk, wara d-data li fiha din il-Konvenzjoni tkun daħlet fis-seħħ għal Stat Kontraenti, dak l-Istat ikun irid jadotta regola ġdida tal-għażla tal-liġi fir-rigward ta' kategorija partikolari ta' kuntratt għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, huwa għandu jikkomunika l-ħsieb tiegħu lill-Istati Kontraenti l-oħra permezz tas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Kull Stat firmatarju jista', fi żmien sitt xhur mid-data tal-komunikazzjoni magħmula lis-Segretarju-Ġenerali, jitlob lil dan iħejji biex isiru konsultazzjonijiet bejn Stati firmatarji biex jintlaħaq ftehim.

3. Jekk l-ebda Stat firmatarju ma jkun talab konsultazzjonijiet f'dak il-perjodu jew jekk fi żmien sentejn wara l-komunikazzjoni magħmula lis-Segretarju-Ġenerali ma jkunx intlaħaq ftehim matul il-konsultazzjonijiet, l-Istat Kontraenti interessat jista' jemenda l-liġi tiegħu fil-materja indikata. Il-miżuri meħudin minn dak l-Istat għandhom ikunu jafu bihom l-Istati firmatarji l-oħra permezz tas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 24*

1. Jekk, wara d-data li fiha din il-Konvenzjoni tkun daħlet fis-seħħ għal Stat Kontraenti, dak l-Istat ikun irid jidħol parti f'konvenzjoni multilaterali bl-għan ewlieni tagħha jew wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha li tistabbilixxi regoli tad-dritt internazzjonali privat għal kull ħaġa regolata b'din il-Konvenzjoni, għandha tapplika l-

proċedura msemmija fl-Artikolu 23. Iżda il-perjodu ta' sentejn, imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu, għandu jitnaqqas b'sena.

2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan tista' ma tkunx segwita jekk Stat Kontraenti jew waħda mill-Komunitajiet Ewropej tkun diġà parti fil-konvenzjoni multilaterali, jew jekk l-għan tagħha jkun li tirrevedi konvenzjoni li fiha l-Istat interessat ikun diġà parti, jew jekk tkun konvenzjoni konkluża fil-kwadru tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 25*

Jekk Stat Kontraenti jqis li l-konklużjoni ta' kull ftehim mhux kopert mill-Artikolu 24 (1) ikun ta' ħsara għall-unifikazzjoni miksuba b'din il-Konvenzjoni, dak l-Istat jista' jitlob lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej iħejji biex isiru konsultazzjonijiet bejn l-Istati firmatarji ta' din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 26*

Kull Stat Kontraenti jista' jitlob li ssir reviżjoni ta' din il-Konvenzjoni. F'dan il-każ għandha titlaqqa' konferenza ta' reviżjoni mill-President tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 27*

*(Artikolu mħassar bl-Artikolu 2 (1) tal-Konvenzjoni ta' Adeżjoni ta' l-1992)*

*Artikolu 28*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa mid-19 ta' Ġunju, 1980, għall-firma mill-Istati partijiet fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea.

2. Din il-Konvenzjoni għandha tkun soġġetta għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni mill-Istati firmatarji. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom ikunu depożitati mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 29*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu tas-seba' strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

2. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ għal kull Stat firmatarju li jkun irratifika, aċċetta jew approva wara fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu ta' l-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tagħha.

*Artikolu 30*

1. Din il-Konvenzjoni għandha tibqa' fis-seħħ għal 10 snin mid-data tad-dħul tagħha fis-seħħ skond l-Artikolu 29 (1), ukoll għall-Istati li għalihom tidħol fis-seħħ f'data wara.

2. Jekk ma tkunx saret denunzja hija għandha tkun imġedda taċitament kull ħames snin.

3. Stat Kontraenti li jkun jixtieq jagħmel denunzja għandu, f'mhux inqas minn sitt xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' għaxar jew ħames snin, skond il-każ, jagħti avviż lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej. Denunzja tista' tkun limitata għal kull territorju li għalih din il-Konvenzjoni tkun ġiet estiża b'dikjarazzjoni skond l-Artikolu 27 (2).

4. Id-denunzja għandha jkollha effett biss fir-rigward ta' l-Istat li jkun innotifikaha. Il-Konvenzjoni għandha tibqa' fis-seħħ bejn l-Istati Kontraenti l-oħra kollha.

*Artikolu 31*

Is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għandu jinnotifika lill-Istati partijiet fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea:

(a) bil-firem;

(b) bid-depożitu ta' kull strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni;

(ċ) bid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni;

(d) komunikazzjonijiet magħmulin skond l-Artikoli 23, 24, 25, 26 u 30;

(e) bir-riservi u l-irtirar ta' riservi msemmijin fl-Artikolu 22.

*Artikolu 32*

Il-Protokoll anness ma' din il-Konvenzjoni għandu jifforma parti integrali minnha.

*Artikolu 33*

Din il-Konvenzjoni, magħmula f'oriġinal wieħed fil-lingwa Daniża, Olandiża, Ingliża, Franċiża, Ġermaniża, Irlandiża u Taljana, b'dawn it-testi jkunu awtentiċi ndaqs, għandha tkun depożitata fl-arkivji tas-Segretarjat tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jibgħat kopja awtentikata tagħha lill-Gvern ta' kull Stat firmatarju.

Bħala xhieda ta' dan, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal hekk, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Magħmula f'Ruma, fid-dsatax ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tmenin.

*(Firem tal-Plenipotenzjarji)*

# PROTOKOLL

Il-Partijiet Għolja Kontraenti ftehmu fuq id-disposizzjoni li ġejja li għandha tkun annessa mal-Konvenzjoni:

'Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni, id-Danimarka, l-Isvezja u l-Finlandja jistgħu jżommu disposizzjonijiet nazzjonali dwar il-liġi applikabbli għall-kwistjonijiet dwar il-ġarr ta' l-oġġetti bil-baħar u jistgħu jemendaw dawn id-disposizzjonijiet mingħajr ma jsegwu l-proċedura provduta fl-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni ta' Ruma. Id-disposizzjonijiet nazzjonali applikabbli f'dan ir-rigward huma li ġejjin:

- fid-Danimarka, il-paragrafi 252 u 321 (3) u (4) tas-"Solov" (liġi marittima),

- fl-Isvezja, il-Kapitolu 13, l-Artikolu 2 (1) u (2), u l-Kapitolu 14, Artikolu 1 (3), tas-"sjölagen"
  (liġi marittima),

- fil-Finlandja, il-Kapitolu 13, l-Artikolu 2 (1) u (2), u l-Kapitolu 14, l-Artikolu 1 (3), ta'
  "merilaki"/"sjölagen" (liġi marittima).'

B'xiehda ta' dan il-firmatarji ta' hawn taħt, awtorizzati debitament għal dan, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul f'Ruma fid-dsatax-il jum ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tmenin.

*(Firem tal-Plenipotenzjarji)*

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Mal-firma tal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali, il-Gvernijiet tar-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju ta' l-Olanda u r-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq,

I. Ħerqana biex jevitaw, kemm jista' jkun, it-tixrid tar-regoli tal-għażla tal-liġi fost ħafna strumenti u differenzi bejn dawn ir-regoli, jesprimu x-xewqa li l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej, fl-eżerċizzju tal-poteri tagħhom skond it-Trattati li kienu mwaqqfa bihom, għandhom, meta tinqala' l-ħtieġa, iħabirku biex jadottaw regoli ta' l-għażla tal-liġi li huma kemm jista' jkun konsistenti ma' dawk ta' din il-Konvenzjoni;

II. Jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom mid-data tal-firma ta' din il-Konvenzjoni sakemm jintrabtu bl-Artikolu 24, li jikkonsultaw lil xulxin jekk xi wieħed mill-Istati firmatarji jixtieq isir parti f'xi konvenzjoni li tapplika għaliha l-proċedura msemmija fl-Artikolu 24.

III Wara li titqies il-kontribuzzjoni tal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali għall-unifikazzjoni tar-regoli ta' l-għażla tal-liġi ġewwa l-Komunitajiet Ewropej, jesprimu l-veduta li kull Stat li jsir membru tal-Komunitajiet Ewropej għandu jaderixxi għal din il-Konvenzjoni.

B'xiehda ta' dan il-firmatarji ta' hawn taħt, awtorizzati debitament għal dan, iffirmaw din id-Dikjarazzjoni konġunta.

Magħmula f'Ruma fid-dsatax-il jum ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tmenin.

*(Firem tal-Plenipotenzjarji)*

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Il-Gvernijiet tar-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju ta' l-Olanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

Mal-firma tal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali;

Xewqana li jiżguraw li l-Konvenzjoni tkun applikata b'mod effettiv kemm jista' jkun;

Ħerqana li jipprevjenu milli jkun hemm differenzi fl-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni li jħassru l-effett ta' unifikazzjoni tagħha;

Jiddikjaraw li huma lesti:

1. li jeżaminaw il-possibbilità li jagħtu ġurisdizzjoni f'ċerti kwistjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u, jekk meħtieġ, jinnegozjaw ftehim f'dan is-sens;

2. li jagħmlu laqgħat f'intervalli regolari bejn ir-rappreżentanti tagħhom.

B'xiehda ta' dan il-firmatarji ta' hawn taħt, awtorizzati debitament għal dan, iffirmaw din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

Magħmula f'Ruma fid-dsatax-il jum ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tmenin.

*(Firem tal-Plenipotenzjarji)*

**L-EWWEL PROTOKOLL**
**fuq l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli fl-obbligazzjonijiet kuntrattwali, miftuħa għall-firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980**

IL-PARTIJIET GĦOLJIN KONTRAENTI FIT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRAW id-Dikjarazzjoni Konġunta annessa mal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli fl-obbligazzjonijiet kuntrattwali, miftuħa għall-firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980,

IDDEĊIDEW li jikkonkludu Protokoll li jagħti ġurisdizzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej biex tinterpreta dik il-Konvenzjoni, u għal dan l-iskop ħatru bħala l-Plenipotenzjarji tagħhom:

*(Plenipotenzjarji maħtura mill-Istati Membri)*

Li, mlaqqgħin fil-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, skambjaw il-poteri sħaħ tagħhom, misjubin f'forma tajba u debita.

FTEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandha jkollha ġurisdizzjoni li tagħti deċiżjonijiet fuq l-interpretazzjoni ta':

(a) il-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali, miftuħa għall-firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980, minn hawn 'il quddiem msemmija bħala 'l-Konvenzjoni ta' Ruma';

(b) il-Konvenzjoni fuq l-Adeżjoni għall-Konvenzjoni ta' Ruma mill-Istati li saru membri tal-Komunitajiet Ewropej mid-data meta nfetħet għall-firem;

(ċ) dan il-Protokoll.

*Artikolu 2*

Kull qorti msemmija isfel tista' titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tagħti deċiżjoni proviżorja fuq kwistjoni mqajma f'każ pendenti quddiemha u li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet li hemm fl-istrumenti msemmija fl-Artikolu 1 jekk dik il-Qorti tikkonsidra li tenħtieġ deċiżjoni fuq il-kwistjoni biex tkun tista' tagħti s-sentenza:

(a) - fil-Belġju:

'la Cour de cassation' ('het Hof van Cassatie') u 'le Conseil d'État' ('de Raad van State'),

- fid-Danimarka:
'Højesteret',

- fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja:
'die obersten Gerichtshöfe des Bundes',

- fil-Grecja:
'Τα ανϖτατα Διχαστηρια,

- fi Spanja:
'el Tribunal Supremo',

- fi Franza:
'la Cour de cassation' and 'le Conseil d'État',

- fl-Irlanda:
'the Supreme Court,'

- fl-Italja:
'la Corte suprema di cassazione' u 'il Consiglio di Stato',

- fil-Lussemburgu:
'la Cour Supérieure de Justice', meta tkun sedenti bħala 'Cour de cassation',

- fl-Awstrija:
il-'Oberste Gerichtshof', il-'Verwaltungs-gerichtshof' u il-'Verfassungsgerichtshof',

- fl-Olanda:
'de Hoge Raad',

- fil-Portugall:
'o Supremo Tribunal de Justiça' u 'o Supremo Tribunal Administrativo',

- fil-Finlandja:
'korkein oikeus/högsta domstolen',
'korkein hallinto-oikeus/högsta förvaltningsdomstolen',
'markkinatuomioistuin/marknadsdomstolen' u 'työtuomioistuin/arbetsdomstolen',

- fl-Isvezja:
'Högsta domstolen', 'Regeringsrätten', 'Arbets-domstolen' u 'Marknadsdomstolen',

- fir-Renju Unit:
il-'House of Lords' u qrati oħra li minnhom m'hemmx il-possibbilità ta' appell ieħor;

(b) il-qrati ta' l-Istati Kontraenti meta jaġixxu bħala qrati ta' appell.

*Artikolu 3*

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti tista' titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni fuq kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet li jinsabu fl-istrumenti msemmija fl-Artikolu 1 jekk is-sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' dak l-istat jikkonfliġġu ma' l-interpretazzjoni mogħtija jew mill-Qorti tal-Ġustizzja jew f'sentenza ta' waħda mill-qrati ta' Pajjiż Kontraenti ieħor msemmija fl-Artikolu 2. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom jgħoddu biss għal sentenzi li saru *res judicata.*

2. L-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja b'risposta għal din it-talba m'għandhiex taffettwa s-sentenzi li taw lok għat-talba għall-interpretazzjoni.

3. Il-Prokuraturi-Ġenerali tal-Qrati Supremi ta' l-Appell ta' l-Istati Kontraenti, jew kull awtorità oħra maħtura minn Stat Kontraenti, għandhom ikunu intitolati li jitolbu l-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni fuq l-interpretazzjoni skond il-paragrafu 1.

4. Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jagħti avviż tat-talba lill-Istati Kontraenti, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej; imbagħad għandhom ikunu intitolati fi żmien xahrejn tan-notifika li jissottomettu noti tal-każ jew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti.

5. M'għandux ikun hemm drittijiet jew xi spiża jew nefqa mogħtija fir-rigward ta' proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 4*

1. Ħlief meta dan il-Protokoll jipprovdi mod ieħor, id-disposizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u dawk tal-Protokoll fuq l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja anness miegħu, li japplikaw meta l-Qorti tintalab li tagħti deċiżjoni preliminari, għandhom japplikaw ukoll għal kull proċedura għall-interpretazzjoni ta' l-istrumenti msemmija fl-Artikolu 1.

2. Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom, jekk meħtieġ, ikunu aġġustati u miżjuda skond l-Artikolu 188 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea.

*Artikolu 5*

Dan il-Protokoll għandu jkun bla ħsara għar-ratifika ta' l-Istati Firmatarji. L-istrumenti ta' ratifika għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 6*

1. Biex jidħol fis-seħħ, dan il-Protokoll għandu jkun ratifikat minn seba' Stati li fir-rigward tagħhom hija fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' Ruma. Dan it-Trattat għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika mill-aħħar Stat firmatarju li jkun għamel dan. Jekk, iżda, it-Tieni Protokoll li jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ċerti poteri għall-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali, miftuħa għall-firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980, konkluża fi Brussel fid-19 ta' Diċembru 1988 tidħol fis-seħħ f'data aktar tard, dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Tieni Protokoll.

2. Kull ratifika wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll għandu jkollha effett fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu ta' l-istrument tar-ratifika, iżda r-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ruma mill-Istat partikolari għandhom ikunu effettivi.

*Artikolu 7*

Is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għandu jinnotifika l-Istati Firmatarji bi:

(a) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika;

(b) id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll;

(ċ) kull ħatra kkomunikata bis-saħħa ta' l-Artikolu 3(3);

(d) kull komunikazzjoni magħmula bis-saħħa ta' l-Artikolu 8.

*Artikolu 8*

L-Istat Kontraenti għandhom jikkomunikaw lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej it-testi ta' kull disposizzjoni tal-liġijiet tagħhom li jeħtieġu emenda għal-lista tal-qrati fl-Artikolu 2 (a).

*Artikolu 9*

Dan il-Protokoll għandu jkollu effett kemm iddum fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' Ruma skond il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 30 ta' dik il-Konvenzjoni.

*Artikolu 10*

Kull Stat Kontraenti jista' jitlob ir-reviżjoni ta' dan il-Protokoll. F'dan il-każ, għandha titlaqqa' konferenza ta' reviżjoni mill-President tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 11*

Dan il-Protokoll, magħmul f'oriġinal wieħed fl-ilsien Daniż, Olandiż, Ingliż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Irlandiż, Taljan, Portugiż u l-Ispanjol, l-għaxar testi ikunu awtentiċi l-istess, għandhom ikunu ddepożitati fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej. Is-Segretarju Ġenerali għandu jibgħat kopji ċċertifikati lil kull Gvern ta' kull Stat Firmatarju..

B'xiehda ta' dan, il-Plenipotenzjarji hawn taħt iffirmat niżlu l-firem tagħhom taħt dan il-Protokoll.

Magħmula fi Brussel fid-dsatax-il jum ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin.

*(Firem tal-Plenipotenzjarji)*

# DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTA

## Dikjarazzjoni Konġunta

Il-Gvernijiet tar-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussenburgu, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika Portugiża u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

Mal-firma ta' l-Ewwel Protokoll fuq l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli fl-obbligazzjonijiet kuntrattwali, miftuħa għall-firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980,

Xewqana li jiżguraw li l-Konvenzjoni hija applikata kemm jista' jkun b'mod effettiv u uniformi,

Jiddikjaraw li lesti jorganizzaw, f'kooperazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, skambju ta' informazzjoni fuq sentenzi li saru *res judikata* u li ngħataw bis-saħħa tal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali mill-qrati msemmija fl-Artikolu 2 ta' l-imsemmi Protokoll. L-iskambju ta' l-informazzjoni jikkomprendi:

- li jintbagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti s-sentenzi mogħtija mill-qrati msemmija fl-Artikolu 2(a) u sentenzi sinifikanti mogħtija mill-qrati msemmija fl-Artikolu 2(b),

- il-klassifikazzjoni u l-isfruttament dokumentali ta' dawn is-sentenzi mill-Qorti tal-Ġustizzja jinkludu, safejn meħtieġ, it-tħejjija ta' estratti u traduzzjonijiet, u l-pubblikazzjoni ta' sentenzi ta' importanza partikolari,

- il-komunikazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' materjal dokumentali lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' l-Istati partijiet fil-Protokoll u lill-Kummissjoni u lill-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

B'xiehda ta' dan, il-Plenipotenzjarji hawn taħt iffirmat niżlu l-firem tagħhom taħt din id-Dikjarazzjoni konġunta

Magħmula fi Brussel fid-dsatax-il jum ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin.

*(Firem tal-Plenipotenzjarji)*

**Dikjarazzjoni konġunta**

Il-Gvernijiet tar-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussenburgu, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika Portugiża u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

Mal-firma ta' l-Ewwel Protokoll fuq l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli fl-obbligazzjonijiet kuntrattwali, miftuħa għall-firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980,

Wara li kkunsidraw id-Dikjarazzjoni Konġunta annessa mal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali,

Xewqana li jiżguraw li l-Konvenzjoni hija applikata kemm jista' jkun b'mod effettiv u uniformi,

Ħerqana li ma jħallux li d-differenzi fl-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni jtellfu l-effett ta' unifikazzjoni tagħha,

Jesprimu l-fehma li kull Stat li jsir membru tal-Komunitajiet Ewropej għandu jaderixxi għal dan il-Protokoll.

B'xiehda ta' dan, il-Plenipotenzjarji hawn taħt iffirmat niżlu l-firem tagħhom taħt din id-Dikjarazzjoni konġunta.

Magħmula fi Brussel fid-dsatax-il jum ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin.

*(Firem tal-Plenipotenzjarji)*

**IT-TIENI PROTOKOLL**
**li jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ċerti poteri għall-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali; miftuħa għall-firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980.**

IL-PARTIJIET GĦOLJIN KONTRAENTI FIT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

BILLI l-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali, miftuħa għal firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980, minn hawn 'il quddiem msejħa 'il-Konvenzjoni tar-Ruma', ser tidħol fis-seħħ wara d-depożitu tas-seba' strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni;

BILLI l-applikazzjoni uniformi tar-regoli preskritti fil-Konvenzjoni ta' Ruma jeħtieġu li jitwaqqaf il-makkinarju biex jiżgura interpretazzjoni uniformi u billi għal dak il-għan għandhom jingħataw poteri xierqa lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, qabel mal-Konvenzjoni ta' Ruma tidħol fis-seħħ fir-rigward ta' l-Istati Membri kollha tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

IDDEĊIDEW li jikkonkludu dan il-Protokoll u għal dan il-għan innominaw bħala plenipotenzjarji tagħhom:

*(Plenipotenzjarji maħtura mill-Istati Membri)*

LI, mlaqqgħin ġewwa l-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, skambjaw il-poteri sħaħ tagħhom; li kienu tajbin u fil-forma dovuta,

FTEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandha, fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Ruma, ikollha l-ġurisdizzjoni li tingħatalha mill-Ewwel Protokoll fuq l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni fuq il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali, miftuħa għall-firem f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980, konkluża fi Brussel fid-19 ta' Diċembru 1988. Għandhom jgħoddu l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

2. Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom ikunu aġġustati u miżjuda kif meħtieġ skond l-Artikolu 188 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea.

*Artikolu 2*

Dan il-Protokoll għandu jkun bla ħsara għar-ratifika mill-Istati Firmatarji. L-istrumenti tar-ratifika għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 3*

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika mill-aħħar Stat Firmatarju li jkun għamel dik il-formalità.

*Artikolu 4*

Dan il-Protokoll, magħmul f'oriġinal wieħed fl-ilsien Daniż, Olandiż, Ingliż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Irlandiż, Taljan, Portugiż u l-Ispanjol, l-għaxar testi kollha jkunu awtentiċi l-istess, għandhom ikunu ddepożitati fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jibgħat kopja ċċertifikata lill-Gvern ta' kull Stat Firmatarju.

B'xiehda ta' dan, il-Plenipotenzjarji hawn taħt iffirmat niżżlu l-firem tagħhom taħt dan il-Protokoll.

Magħmul fi Brussel fid-dsatax-il jum ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin.

*(Firem tal-Plenipotenzjarji)*

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' dan l-Abbozz hu biex jimplimenta r-Ratifika tal-Konvenzjoni ta' Adeżjoni ta' l-14 ta' April 2005 għall-Konvenzjoni ta' Ruma ta' l-1980 fuq il-liġi li tapplika għal obbligazzjonijiet kuntrattwali u biex idaħħal il-Konvenzjoni ta' Ruma fil-liġijiet ta' Malta, kif ukoll sabiex permezz ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea jiġi stabbilit u faċilitat il-mekkaniżmu legali neċessarju sabiex il-Konvenzjonijiet li pajjiżna huwa obbligat li jimplimenta bħala Stat Membru fl-Unjoni Ewropea jidħlu fil-liġijiet ta' Malta.